# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Raya Sellami Ep Zammit**

**Kawza tal-Kollizzjonijiet**

Illum 27 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Raya Sellami Ep Zammit**, bint N/A imwielda fil-03/04/1984 u toqghod 30, Windermere, Fl 2, Triq il-Bahhara, Marsascala detentrici tal-karta tal-identita' numru 0033471A akkuzata talli fit-3 ta' Mejju 2019 ghall-habta ta' 10:15hrs fi Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni FCI 207;

1. B' manjera traskurata.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjera bla kont.

3. U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjera perikoluza.
4. U b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura nru. GBV 556 w involontarjament ikkagunajt hsara ghad-dannu ta' Reuben Chircop St John.
5. U aktar talli b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f' hekk Reuben Chircop St John batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Dr G. Bezzina MD mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

   Il-Pulizija qed titlob l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-affidavit ta' PS 1026 Brendon Gauci ezebit mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Reuben Chircop St John fis-seduta tal-18 ta' Lulju, 2022; rat l-affidavit ta' Dr Gianluca Bezzina ezebit fil-18 ta' Lulju, 2022; semghet ix-xhieda ta' Keith Grech fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2022.

Rat li l-prosekuzzjoni iddikjarat li m' ghandiex aktar provi fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2022 u l-imputata iddikjarat li mhux ser tixhed dawn il-proceduri.

Rat li fis-seduta tal-30 ta' Ottubru, 2023 saret it-trattazzjoni tal-partijiet u l-Qorti ikkoncendiet hmistax-il jum sabiex il-partijiet jipprezentaw nota rigwardanti l-pprolungament tat-termini minhabba l-Covid 19 b' notifika lil parti l-ohra.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputata ipprezentat fil-13 ta' Novembru, 2023.

Rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art. 328(d)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 1026 Brendon Gauci**. Ix-xhud iddikjara taht gurament li nhar it-**3 ta' Mejju 2019** ghall-habta ta' 10:15hrs kien gie infurmat li kienet sehhet kolluzjoni bejn vettura u mutur u li x-xufier kien sofra xi griehi. Flimkien mal-kollegi tieghu irrikorra fuq is-sit tal-incident fi Triq Geraldu, San Pawl il-Bahar u innota vettura f' nofs ta' triq u mutur fuq il-bankina mindud ma' l-art. Ittiehdet il-verzjoni ta' Raya Sellami Ep Zammit, l-imputata, ix-xuffier tal- tal-karozza FCI 207 ta' l-ghamla Chevrolet Matiz u ukoll lis-sewwieq tal-mutur Reuben Chircop St John sid il-mutur propju numru ta' registrazzjoni GBV 556. Ftit taz-zmien wara ipprezenta certifikat mediku fejn deher li qed isofri griehi hfief. Kien imbghad xhur wara li l-pulizija irceviet certifikat iehor fejn jindika li Chircop St John kien qed isofri griehi gravi peress li kien sofra xi ksur. Kien ghalhekk li stqarr li xtaq imexxi proceduri kontra Raya Sallami fuq il-hsarat tal-mutur kif ukoll fuq il-griehi li garrab.

**Affidavit tat-Tabib Gianluca Bezzina** ezebit fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022. Jikkonferma u jannetti certifikat mahrug minnu fit-6 ta' Mejju 2019, fil-18:00 u ikkonferma li hu ezamina lil Ruben Chircop St John, fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Il-kontenut tac-certifikat huwa kif gej:- 1. Ir-rapport tal-X-ray li sar fit-3 ta' Mejju 2019 juri ksur tal-ghonq tal-parti ta' fuq tal-fibula, li tidher fil-'lateral protection X-ray. 2. It-tmemnim li kien innutat fic-certifikat mahrug fit-3 ta' Mejju 2019 dak fid-distribuzzjoni tan-nervitura "common fibular nerve", issa jihder li qieghed itaffi. In-natura ta' dawn il-griehi hija "gravi".

**Reuben Chircop St John** xehed fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022. Jixhed li fit-3 ta' Mejju 2019 kien tielgha t-telgha ta fejn hemm it-torri San Pawl il-bahar, fejn is-Sirens. Kien tielgha mis-Sirens ghall fejn it-torri biex umbaghad iddur mal-knisja. Kien qed isuq mutur

125. Fuq l-incident jixhed li kien sejjer l-iskola tat-tifla u f' salt wiehed jara karozza gejja ma setghax jibbrejka u sehh l-incident. Jixhed

Qorti: Igifieri hu pacenzja int fejn kont fit-triq?

Xhud: Fit-triq fil-lane tieghi ghax one way dik jien kont niezel.

Qorti: One way? Igifieri int qed tghid li giet kontra l-oneway?

Xhud: Mija fil-mija u hemm ir-ritratti u l-isketch u l-pulizija u l-affarijiet kollha."

Qorti: Mela giet kontra l-oneway?

Xhud: Qlajt daqqa mal-karozza umbaghad il-mutur wehilli gas down u kont ha naqa` ghal-isfel zewg sulari mas-Sirens imma dhalt go pilastru il-verita weggajt ghadni sall-llum saqajja ma gietx mija fil-mija imma ghaddiet ukoll ma nafx kif wara tlett snin baghtu ghalija jien."

Fuq il-giehi li garrab kagun tal-incident jghid li kien dam xi erba' gimghat bil-krozzi.

Meta muri l-isketch jispjega li

Xhud: Mela jiena kont tielgha hekk is-sinjura nizlet wrong way pupp l-ewwel kelli il-point of impact hawn umbaghad il-mutur qisu irvilla boom u wehilt hawn go qisu pilastru u hawnekk hawn ir-railing hawnekk hawn is-Sirens u hemm ghal-isfel.

Pros: It-tabella tal-oneway tiftakar?

Xhud: It-tabella tal-oneway kien hawn nahseb wahda hawn u wahda hawn jien ghandi ritratti fuq il-mobile jekk tridu."

Il-karozza kienet Celesti xi Matiz karozza zghira. Is-sewwieq ma jarafiex.

**Keith Grech** ghazel li ma jixhidx fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2022.

Ikkunsidrat,

Illi l-abbli difensur tal-imputata qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-akkuzi fil-konfront tal-imputata. L-akkuzi tal-imputata huma skont l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art. 328(d)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-preskrizzjoni ghal dawn l-akkuzi hija regolata bl-artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

> "688.Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –
> (e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."

L-akkuza tirriferi ghall-incident li sehh fit-**3 ta' Mejju, 2019**. Ma giet ezebita ebda' referta ghan-notifika tal-imputata u fin-nuqqas ta' tali referta qed titiehed bhala d-data tal -**25 ta' Ottubru, 2021** meta deheret l-imputata ghall-ewwel darba ghas-seduta mhux assistita.

Fil-perijodu kien hemm in effett is-sospensjoni tat-termini bl-applikazzjoni Avviz Legali numru 61 ta' 2020 li jgib l-isem ta' Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Hinijiet Gudizzjarji u Legali (L.S. 465.17) li dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Marzu, 2020 u li gie emendat permezz ta' Avviz Legali 84 ta' 2020. L-artikolu 2 tal-Avviz Legali 84 ta' 2020 issostitwixxa l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 61 ta' 2020 b' din il-klawzola

> "2. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: "(1) Meta s-Suprintendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-preskrizzjoni fi kwistjonijiet kriminali u ċivili. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara rrevoka ta' kwalunkwe

ordni mis-Suprintendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Julius Bonello ( Appell Nru: 26/ 2021) deciza fis-6 ta' Lulju 2021 fuq il-materja ikkunsidrat "L-appellat allegatament wettaq ir-reati mertu ta' dan l-Appell nhar is-27 t' Ottubru, 2018. Bl-applikazzjoni ta' Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali, dawn ir-reati allura jigu preskritti nhar is-27 t' Ottubru, 2020. Madankollu, b'applikazzjoni tal-Avviz Legali numru 61 ta' 2020 li dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Marzu, 2020, sa meta dahal fis-sehh l-Avviz Legali 243 ta' 2020 u cioe' nhar it-30 ta' Gunju, 2020, il-preskrizzjoni kienet sospiza b'mija u disa' (109) gurnata u ghaldaqstant il-preskrizzjoni mxiet il-quddiem b'daqstant granet7. Oltre minn hekk wiehed irid izid ukoll seba' (7) granet ohra sospizi, hekk kif specifikat fl-Avviz Legali 61 ta' 2020, Artikolu 3. **Ghaldaqstant il-preskrizzjoni giet sospiza ghal total ta' mija u sittax (116) -il gurnata**" [emfazi mizjuda].

Ikkunsidrat,

Fil-kaz mertu ta' dawn il-proceduri bejn 3 ta' Mejju 2021 [gheluq is-sentejn mid-data tal-incident] u 25 ta' Ottubru 2021 [meta l-imputata deheret ghas-seduta] ghaddew **176 il-gurnata** u allura aktar mill-116 il-gurnata fejn t-terminu tal-preskrizzjoni gie sospiz bl-applikazzjoni tal-Avviz Legali numru 61 ta' 2020 li dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Marzu, 2020, sa meta dahal fis-sehh l-Avviz Legali 243 ta' 2020 u cioe' nhar it-30 ta' Gunju, 2020. L-akkuzi huma ghalhekk preskritti skont il-ligi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art. 328(d)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 688 ( e) tal-Kap. 9 u l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 61 ta' 2020 u Avviz Legali 243 ta' 2020 qed tillibera lil imputata **Raya Sellami Ep Zammit** minn kull akkuza dedotta kontriha stante li l-azzjoni kriminali hija preskritta skont il-ligi.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**